VALLETTA
Città Umilissima

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

L-Erbgha 9 ta' Dicembru 2020

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' via Skype fl-16.00hrs.

PREŻENTI:

Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

23.1.1 Nil

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Il-Kunsill Approva il-Minuti tal-Laqgħa 22 li saret nhar It-Tnejn 23 ta' Novembru 2020

## 23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.3.1 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li jixtieq jirringrazzja lill-Ministru Ian Borg li ha azzjoni mmedjata dwar il-parkegg li kien qed isir abbuzivament fi Triq il-Merkanti. Nforma li ser jibda jkun hemm infurzar regolari biex jinqata' l-abbuz.

23.3.2 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li fis-Sena l-gdida jixtieq li l-Kunsill jkompli bid-diskussjonijiet dwar il-progett ta' tniggis. Nforma li d-dawra tal-belt ghandha ssir one way kif kien is-suggerixxa l-kollega Vincent Fabri biex b'hekk jitnaqqsu l-emmissjonijiet, jizdiedu l-parkeggi u tissolva l-problema darba ghal dejjem. Nforma ukoll li l-kunsill ghandu jerggha jitkellem ma' l-universita' fejn kienu ser jaghmlu analizi ta' l-arja.

23.3.3 Is-Sindku Alfred Zammit nforma li l-abbuz fil-parkegg fi Triq San Kristofru ghandu jigi indirizzat. Nforma li fi Triq il-Lvant ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta' parking ahdar (fejn il-knisja ta' Santa Lucija) biex naghtu nifs lin-negozju. Nforma ukoll li fi zona tal-mandragg ser isiru aktar parkegg ahdar biex ir-resident jkun jista jipparkja fil-kumdita.

23.3.4 Is-Sindku Alfred Zammit informa li l-kunsill bghadt l-ittra permezz ta' l-avukat lil kuntrattur tal-public conveniences u qed jistenna risposta.

23.3.5 Is-Sindku Alfred Zammit informa li fil-bidu ta' sena ser ikun qed jibghat ghal kull kunsillier biex ibiddel id-dekasteri.

23.3.6 Is-Sindku Alfred Zammit informa li ghandha ssir laqgha mal-Ministru herrera dwar il-finanzi w ir-rapport li ntbghadt lilu dwar il-problema li l-allokazzjoni mhiex bizzejjed.

23.3.7 Is-Sindku Alfred Zammit informa li fis-sena l-gdida la darba tispicca l-pandemija ghandu jinfetah il-fond ta' CSR biex isiru progetti fiz-zoni residenzjali u anke nghinu persuni fil-bzonn. Nforma li hu jixtieq li dan isir bl-ghajnuna tal-Minority Leader.

23.3.8 Is-Sindku Alfred Zammit informa li ghalkemm fil-kuntest jixtieq jitkellem dwar il-qghada tal-Valletta FC li bhalissa mhux fl-ahjar taghhom. Nforma li jixtieq jawgura fejqan ta' malajr lil Pawlu Spiteri.

23.3. Is-Sindku Alfred Zammit informa li ghandha ssir laqgha dwar Mattia Preti mal-GHRC.

## 23.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

23.4.1 Il-Minority Leader staqsa jekk sarux arrangamenti dwar l-apprezzament lil Shaun Dimech. Minhabba li kellha ssir prezentazzjoni.

23.4.2 Il-Minority Leader staqsa dwar jekk iltaqghax l- grupp dwar il-Bust ta' San Duminku u nforma li huwa ser ikun ir-rapprezentant minn naha ta' l-oppozizzjoni. Gie nfurmat li qed jistennew data m'ghand il-Kappillan.

23.4.3 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li r-Regjun ser jaghti lill-kunsill 4 laned zebgha bhala ghajnuna 2 bojod u 2 sofor.

23.4.4 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li r-Regjun ser ikun qed ihallas ghal courses li jiswa 400euro kull persuna. Dan il-course huwa organizzat mir-Richmond Foundation.

23.4.5 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li r-Regjun ser ihallas ghal-VR system (virtual reality). Sar qbil li dan issir fil-Knisja ta' San Duminku u sena d-diehla ssir fi Knisja ohra.

23.4.6 Il-Viċi Sindku Raymond Azzopardi nforma li r-Regjun ser jaghti grupp ta' haddiema ta' IPSL biex isiru progetti zghar imma bzonnjuzi. Huwa nforma li ser jibda biz-zona tal-Mandragg fejn ser isir xi xoghol fuq il-parapetti.

23.4.7 Il-Kunsillier Vincent Fabri tkellem dwar il-fatt li l-kunsill ghandu jesponi aktar il-gnien hastings biex isiru aktar attivitajiet biex il-kunsill jkun jista jdahhal ftit flus.

23.4.8 Il-Kunsillier Jurgen Briffa nforma li attenda laqgha organizzata mil-VCA dwar l-Belt Kulturali Ewropea li jmis go pajjizna. Nforma li jidher li l-hsieb huwa biex din id-darba issir gewwa ghawdex.

## 23.5 Rapporti

23.5.1 NIL

## 23.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

23.6.1 Korrispondenza mir-Regjun li DPO ser ikun mhallas mir-regjun jekk il-Kunsill jigi bzonn.

23.6.2 Korrispondenza dwar l-istrina min irid jattendi jaghti dettalji tieghu.

## 23.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

23.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li sistema tal-permessi qeghda fil-vicin li titlesta u ser isir training session ghal-impjegati. Il-Pjan huwa li s-sistema tibda tahdem mil-1 ta' Jannar 2021.

23.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li l-app mixja ukoll u daqt titlesta. Qed jigu preparti l-ahhar formoli biex tkun aktar ta' ghajnuna.

23.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li TCTC tixtieq li jinghataw ic-certifikati f'cerimonja qasira li tkun organizzata skond il-mizuri.

23.7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat mix-xahar ta’ Dicembru il-pagi ser jibdew jinghata dirett mil-Bank.

23.7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat nharget skema dwar smart solutions fuq waste managment. Hi nfurmat li ser tkun qed taqbad il-progett li kien ghamel l-Profs Alexiei Dingli u tatwah ghal-din l-iskema.

23.7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li kella laqgha mal-accountant dwar ic-circulari li ntbghatet mid-DLG biex issir laqgha publika u jigi prezentat il-budget. Allura hi spjegat dak li nhadem skond l-allokazzjoni ta’ dipartment tal-gvern lokali. Nfurmat li l-laqgha ser issir Tlieta 15 ta’ Dicembru fil-5pm. Fejn ser tkun qed tipprepara lis-Sindku biex jigi prezentat lir-residenti. Nfurmat u spjegat fid-dettal. L-Allokazzjoni totali ser tkun ta’ 932,739. Hija nfurmat li ser tkun qed tibda sena diga fid-dejn minhabba li l-kuntratti jaccedu l-allokazzjoni tas-sena.

23.7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li qed terga’ tinforma dwar it-trasferiment ta’ 90 siegha leave ghas-sena 2021 minhabba li ma kienx hemm cans li jittiehed leave minhabba l-pandemija w s-support li kellhom bzonn l-istaff.

## 21.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sotto Kumitati

## 21.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ta’ Novembru 2020

Il-Kunsill aġġorna għal-Hamis 14 ta’ Jannar 2021 fl-16.00hrs

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Zammit<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |